

**DEĊIŻJONI (UE) 2020/1016 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tal-24 ta' Ġunju 2020****dwar l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Hrvatska Narodna Banka (BĊE/2020/31)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2019, ir-Repubblika tal-Kroazja innotifikat lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bit-talba biex tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u Hrvatska Narodna Banka (minn issa 'il quddiem 'HNB') skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
- (2) Fit-12 ta' Lulju 2019 u s-7 ta' April 2020, ir-Repubblika tal-Kroazja adottat leġislazzjoni nazzjonali rilevanti li tiżgura li l-HNB ikun obligat li jadotta kwalunkwe miżura dwar entità taħt superviżjoni mitluba mill-BĊE, u illi atti legali adottati mill-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jkunu vinkolanti u infurzabbli fir-Repubblika tal-Kroazja. Il-BĊE vvaluta din il-leġislazzjoni, waqt li qies ukoll l-implimentazzjoni Prattika tagħha.
- (3) Fil-5 ta' Ġunju 2020, il-BĊE lesta valutazzjoni komprensiva ta' ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja. Fl-istess data, l-HNB approva r-risultati tal-valutazzjoni komprensiva.
- (4) Fis-16 ta' Ġunju 2020, il-BĊE informa lir-Repubblika tal-Kroazja dwar il-valutazzjoni preliminari tiegħu tat-talba biex tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib, filwaqt li jagħti l-opportunità biex ir-Repubblika tal-Kroazja tagħti l-fehmiet tagħha. Ir-Repubblika tal-Kroazja tat ir-risposta tagħha fl-20 ta' Ġunju 2020, billi taqbel mal-valutazzjoni, iżda ma pprovdiet l-ebda kumment.
- (5) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2014/5 <sup>(2)</sup>, fejn il-BĊE jikkonkludi illi l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(2)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ġew issodisfatti, il-BĊE għandu jadotta deċiżjoni indirizzata lill-iStat Membru li għamel it-talba u li tistabilixxi kooperazzjoni mill-qrib.
- (6) L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2014/5 jipprovdi illi deċiżjoni li tistabilixxi kooperazzjoni mill-qrib għandha tindika l-modalitajiet għat-trasferiment tal-kompiti superviżorji lill-BĊE u d-data tal-bidu tal-kooperazzjoni mill-qrib,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Stabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-HNB**

1. Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mir-Repubblika tal-Kroazja, il-BĊE kkonkluda illi l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(2)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib mal-HNB huma sodisfatti.
2. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, din id-Deċiżjoni tistabilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-HNB għall-finijiet tat-tweqqif tal-kompiti fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1) u 4(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 fir-rigward ta' entitajiet taħt superviżjoni stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja.

<sup>(1)</sup> ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni 2014/434/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Jannar 2014 dwar il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (BĊE/2014/5) (ĠU L 198, 5.7.2014, p. 7).

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) <sup>(3)</sup>.

*Artikolu 3***Dmir ta' kooperazzjoni in bona fede u skambju ta' informazzjoni**

Mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-BĊE u l-HNB għandhom ikunu soġġetti għal dmir ta' kooperazzjoni in bona fede u għal obbligu li jiskambjaw informazzjoni abbażi tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

*Artikolu 4***Data tal-bidu ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-HNB**

1. Id-data tal-bidu tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-HNB għandha tkun l-1 ta' Ottubru 2020.
2. Minkejja l-paragrafu 1, għall-fini tal-identifikazzjoni ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja skont l-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), id-data tal-bidu tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-HNB għandha titqies li hija d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5***Modalitajiet ta' trasferiment ta' kompiti superviżorji lill-BĊE**

1. Mill-1 ta' Ottubru 2020, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1) u 4(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 fir-rigward ta' entitajiet taħt superviżjoni stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja.
2. Għaldaqstant, minn dik id-data:
  - (a) rappreżentant tal-HNB għandu jipparteċipa u jeżerċita d-drittijiet tal-vot fil-Bord Superviżorju skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;
  - (b) rappreżentant tal-HNB għandu jipparteċipa u, jekk applikabbli, jeżerċita d-drittijiet tal-vot fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-Bord Superviżorju skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(4)</sup>;
  - (c) rappreżentanti tal-HNB għandhom jipparteċipaw, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika relatati mas-superviżjoni prudenzjali, f'kumitati u sottostrutture oħra li jassistu fix-xogħol tal-BĊE rigward il-kompiti kkonferiti lill-BĊE bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 skont ir-regoli interni tagħhom.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ir-rappreżentant tal-HNB fil-Bord Superviżorju għandu jipparteċipa u jeżerċita d-drittijiet tal-vot fid-deliberazzjonijiet għall-adozzjoni mill-BĊE tal-istruzzjonijiet fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja skont l-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).
4. Wara n-notifika tal-istruzzjonijiet indirizzati mill-BĊE lill-HNB fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja skont l-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), l-HNB għandu jaħtar sottokoordinaturi għat-timijiet superviżorji konġunti rilevanti skont l-Artikolu 115 (3) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) u għandu jinforma lill-BĊE b'dawk il-ħatriet mingħajr dewmien żejjed.

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritajiet nazzjonali ddenominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

<sup>(4)</sup> Regoli tal-Proċedura tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 182, 21.6.2014, p. 56).

5. Wara n-notifika tal-istruzzjonijiet indirizzati mill-BĊE lill-HNB fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni stabbiliti fir-Repubblika tal-Kroazja skont l-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), l-HNB għandu jidentifika bħala proċeduri pendenti skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) kwalunkwe proċedura superviżorja mibdija formalment li teħtieġ deċiżjoni iżda li ma tistax titlesta qabel l-1 ta' Ottubru 2020. L-identifikazzjoni ta' proċeduri pendenti għandhom jinkludu proċeduri li jappartjenu għall-eżerċizzju tal-kompiti fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

#### *Artikolu 6*

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14-il jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Ġunju 2020.

*Il-President tal-BĊE*  
Christine LAGARDE

---